

**Graphic Procédé**

**vs**

**Ministère du Budget, des Comptes publics  
et de la Fonction publique**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Conseil d'État (Franza))

“Tassazzjoni — Sitt Direttiva tal-VAT — Attività ta’ reprografija — Kunċetti ta’  
‘provvista ta’ oġġetti’ u ta’ ‘provvista ta’ servizzi’ — Kriterji ta’ distinzjoni”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-11 ta’ Frar 2010 . . . . I - 1051

**Sommarju tas-sentenza**

*Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema  
komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Provvista ta’ oġġetti — Kunċett*

*(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikoli 5(1) u 6(1))*

L-Artikolu 5(1) tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jiġi interpretat fis-sens li, l-attività ta' reprografija tissodisfa l-karatteristiċi ta' provvista ta' oġġetti sa fejn tkun limitata għal sempliċi tranżazzjoni ta' riproduzzjoni ta' dokumenti fuq materjali, peress li d-drift li jiddisponi minnhom ġie ttrasferiet mir-reprografiku għall-klijent li ordna l-kopji tal-oriġinali. Tali attività għandha tiġi kklassifikata madankollu bħala "provvista ta' servizzi" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tas-Sitt Direttiva 77/388 meta jidher li din tinvolvi provvista ta' servizzi addizzjonali li jistgħu, fid-dawl tal-importanza li huma għandhom għad-

destinatarju tagħhom, taż-żmien li tieħu l-eżekuzzjoni tagħhom, tal-ipproċessar li jeh-tieġu d-dokumenti oriġinali u tal-parti tal-ispiża totali li din il-provvista ta' servizzi tirrappreżenta, ikollhom karattru predomintanti fir-rigward tat-tranżazzjoni ta' provvista ta' oġġetti, b'mod li huma jikkostitwixxu skop fihom infishom għad-destinatarju tagħhom.

(ara l-punt 33 u d-dispożittiv)